**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

**Seduta tas-16 ta' Frar, 2018**

**Avviz nru 313/2017 AM3**
**Numru fuq il-lista: 45**

**GO plc (C22334)**

**Triq Fra Diegu**

**Marsa MRS 1501**

**Vs**

**Sample Jonathan Charles (67213A)**

**Cheri,**

**Triq il-Mithna l-Gdida**

**Mellieha**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-17 ta' Lulju, 2017 illi permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet mingħand il-konvenut is-somma ta' hames mija u sebgha u tmenin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€587.26c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40562846.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut giet debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher hadd għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra x-xhieda bil-gurament ta' Charmaine Psaila Raji in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li permezz tieghu kkonfermat li l-ammont ghadu dovut.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, wara li r-rapprezentant tas-socjeta attrici kkonfermat li l-ammont ghadu dovut, t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hames mija u sebgha u tmenin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€587.26c) bl-imghaxijiet legali mid-data l-ittra ufficjali it-08 ta' Gunju, 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-attrici ufficjali, huma a kariku tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**